# Epigrammi fuq in-Nisa (ii)

## 243. ĊETTA

Qatt qatt ma ħadet tort, u sabiex teħles
minn xi ħtija tgħid anki diskors fieragħ;
darba tefgħet ponn melħ u melħet borma,
waħħlet fil-melħ u qalet, "dal-melħ mielaħ."

## 244. WENZINA

Wenzina tobgħod ferm lill-ġara tagħha,
tixtieqha ddub u togħsfor ma' kull fewġa;
tobgħod 'l uliedha, u lil dak kollu l' għandha,
minbarra ħaġa biss: il-ħelu żewġha.

## 245. IL-KASTIG

Bidilha kif ġie ġie u ma' min laħaq,
ma kienx għad fadal tort li m'għamlux lilha;
iżda hi pattietu sew; aktar ma tbaxxa,
aktar għoliet, aktar baqgħet fidila.

## 246. DELINA

Twila, brunette, simpatika, sabiħa,
b'saqajha fuq xulxin qagħdet Delina;
hi kas ma tatx ta' dawk li ħarsu lejha;
'mma dawk li ma ħarsux tawha b'sikkina.

## 247. GERIT

Gerit u tal-ħaxix qegħdin ipaċpċu,
u jpaċpċu bla waqfien u jidħu sħiħ;
it-tifel ta' Gerit ħdejhom qed jilgħab
bil-boċċi sbieħ tal-qoffa tat-tuffieħ.

## 248. L-AĦĦAR MEZZ

Użat il-mezzi kollha biex tiżżewweġ,
issa daħlet fil-Figlie di Maria,
bit-tama li ssib armel li jixtieq
xi xebba fuq l-erbgħin kollha tjubija.

## 249. FIL-FUNERAL

Fil-funeral ta' ommha qagħdet tħares
biex tara kemm hemm nies iħarsu lejha;
qagħdet tgħodd il-karozzi u l-kuruni,
u mbagħad mesħet ftit dmugħ minn fuq għajnejha.

## 250. ID-DUFREJN

Sliem għalikom, dufrejn, intom sal-aħħar
ma titkemmxux jew taqtgħu bix-xjuħija;
fl-idejn u fis-saqajn kollkom imlewna
fil-ġisem xiħ tagħmlu ftit poeżija.

## 251. LUĊIJA

Liċija, tagħtix tort liż-żgħażagħ kollha
li lejk ma jinġibdux u jżommu lura;
veru li koroh huma ġolqien t'Alla,
'mma s-sens tal-ġmiel ukoll ġej min-natura.

## 252. IL-GĦOMOR TAL-MARA

Meta kellha tlettin tnaqqaslu ħamsa
kull min il-għomor tagħha jistaqsija;
'mma meta għalqet ħamsa u disgħin sena,
kienet tiftaħar illi kellha mija.

## 253. MARA MUTA

Kristu għamel kull xorta ta' miraklu,
fejjaq lin-nisa mix-xitan maħbuta,
zopop, torox, għomjin; 'mma qatt ma nafu
li darba fejjaq lil xi mara muta.

## 254. KARLINA L-ĦOXNA

Karlina ħoxna baqra żżomm il-laħam
ta' daharha bil-kurpett naqra marbut;
'mma l-laħam qawwi wisq, u joħroġ barra,
kif joħroġ il-kurrent barra l-ixtut.

## 255. L-EWWEL LIBSA

Kif dinbet l-ewwel ħaġa l' għamlet Eva
libset werqa tat-tin biex tgħatti s-sess;
li kien iż-żmien tal-lum, serqet il-paga
kollha ta' żewġha u għamlet evening dress.

## 256. AGNES

Miexja fil-funeral ta' kuġintha
mart it-tabib, li mietet fl-aħjar tagħha;
u f'moħħha ħsieb għaddej li t-tabib jista'
kif jgħaddi ftit taż-żmien, jitgħarras magħha.

## 257. CARMEN U VIVI

Carmen u Vivi ħdejn xulxin bil-qiegħda;
Carmen il-ġmiel, u Vivi kerha dagħwa;
Carmen b'għajnejha fl-art, Vivi tisseqqer
biex tara kemm hemm nies qegħdin jarawha.

## 258. PIN-PIN

Għandha ras kbira, iżda bla sens fiha;
u tniggeż sew lin-nies u tagħmel dabra;
ħabib la titqarraqx, ħsibt ħażin ħafna:
Pin-pin mhiex xi mara, iżda labra!